MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 467/2002/1

**D & S Lifts Limited**

**Vs**

**Ceiling Systems Limited maghrufa bhala CSL**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Peress ili s-socjeta' konvenuta Ceiling Systems Limited maghrufa bhala CSL ghandha taghti, lis-socjeta' attrici D & S Lifts Limited l-ammont bilancjali ta' tmient elef, tlett mija u tlieta u erbghin Liri Maltin (Lm8343) ghall-fornitura

u stallazzjoni ta’ tlett (3) lifts skond is-*sub-contract agreement* ta’15 ta' Frar, 2000 u skond il-konferma tat-8 ta' Gunju, 2000 ghal xoghlijiet ulterjuri.

Peress li l-imsemmija socjeta’ konvenuta ghalkemm debitament interpellata, naqset li thallas fis-socjeta' attrici l-fuq imsemmi ammont bilancjali ta’ Lm8343 li huwa debitu cert, likwidu u dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Peress li s-socjeta' attrici a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) bid-dikjarazzjoni guramentata tad-diretturi u rappresentanti taghha, hawn annessa, tikkonferma li s-socjeta' konvenuta Ceilng Systems Limited maghrufa bhala CSL ghadha debitrici lejha fil-fuq imsemmi ammont bilancjali ta' Lm8434 u l-istess socjeta' Konvenuta ma ghandhiex eccezzjontjiet xi ggib.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Tghaddi biex tiddecidi fuq t-talba tas-socjeta' attrici u dan bid-dispensa tas-smiegh kif huwa pprovdut fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), a tenur ta' l-annessa dikjarazzjoni guramentata tad-diretturi u rappresentanti tas-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Ceiling Systems Limited maghrufa bhala CSL thallas lis-socjeta' attrici D & S Lifts Limited l-ammont bilancjali ta’ tmient elef, tlett mija u tlieta u erbghin Liri Maltin (Lm8343) dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici kif spjegat hawn fuq.

Bl-ispejjez, inkluzi, dawk ta' l-ittra ufficjali, tal-31 ta' Jannar, 2002 u tal-
mandat kawtelatorju ta' sekwestru tas-16 ta' April, 2002, u bl-imghaxjjiet tat-tmienja fjl-mija (8%) fuq l-imsemmi ammont ta' Lm8343 mit-28 ta' Marzu, 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bil-*Value Added Tax* relattiva, kontra

s-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta** a fol. 11 tal-process fejn jeccepixxu:

IIi s-socjeta’ konvenuta qed tikkontesta t-talba tas-socjeta’ attrici ghal-hlas mitlub stante Ii s-socjeta’ konvenuta ghada ma thalsitx minghand id-Dipartiment tal-Kuntratti ghax-xogholijiet Ii ghamlet u Ii parti minnhom jkopru x-xogholijiet tas-socjeta’ attrici.
IIli bla pregudizzju ghas-suespost, I-ammont Ii s-socjeta’ attrici qed titlob minghand is-socjeta’ konvenuta mhux kollu dovut, stante Ii skond ftehim bejn il-partijiet datat 15 ta' Frar, 2000 I-ammont ta' Lm3459.30 ghandu jithallas mis-socjeta’ konvenuta fi zmien sena mill-hrug tac-certifikat finali liema certifikat inhareg fis-16 ta' Novembru, 2001.

IIIi ghalhekk it-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONTESTAZZJONI**

Is-socjeta` attrici D & S Lifts Limited qeghdha titlob minghand s-socjeta' konvenuta Ceiling Systems Limited maghrufa bhala CSL l-ammont bilancjali ta’ tmient elef, tlett mija u tlieta u erbghin Liri Maltin (Lm8,343) ghall-fornitura u stallazzjoni ta’ tlett (3) lifts.

Is-socjeta’ konvenuta qeghdha tikkontesta t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-hlas mitlub stante li s-socjeta’ konvenuta ghadha ma thallsitx minghand id-Dipartiment tal-Kuntratti ghax-xogholijiet li ghamlet u li parti minnhom jkopru x-xogholijiet tas-socjeta’ attrici.

**L-ewwel eccezzjoni - relazzjoni kontrattwali**

Illi r-relazzjoni kontrattwali tas-socjeta` attrici kienet unikament mas-socjeta’ konvenuta cjoe`CSL u f’dan il-kuntest qatt ma ssemma’ ebda Dipartiment tal-Gvern li kellu jikkundizzjona xi eventwali hlas lis-socjeta` attrici. Il-ftehim tal-15 ta’ Frar 2000 li a bazi tieghu saret din il-kawza sar bejn D & S Lifts Limited u CSL u l-fatt li d-Dipartiment tal-Kuntratti ghadu ma hallasx lil CSL bl-ebda mod ma ghandu jnaqqas mir-responsabilita’ tas-socjeta’ konvenuta li thallas lis-socjeta’ attrici ghax xoghol li sar. Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ma tistax tigi milqugha u qed tigi michuda.

**Tieni eccezzjoni - il-mertu**

Il-Qorti ser tghaddi dsabiex tezamina l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta li tghid li l-ammont ta' 10% tat-total, ghandu jithallas mis-socjeta’ konvenuta fi zmien sena mill-hrug tac-certifikat tat-tlestija. Din il-kundizzjoni tohrog cara mill-kuntratt li sar bejn il-partijiet fil-15 ta’ Frar 2000, fejn il-mod kif ghandu jsir il-hlas huwa spjegat kif gej:

- 10% *deposit on signing of the agreement*
- 50% *on delivery of equipment to site*
- 30% *on commissioning*
- 10% *retention for twelve months*

Taht is-sub-titolu ‘*Retention Money*’, il-kuntratt jipprovdi illi: *‘The engineer in charge shall release the remaining 10% less any deductions made in accordance with the terms and conditions of the Contract, 12 months after the issue of the completion certificate.’*

Dak li jrid jigi stabbilit, allura, hija d-data tal-‘*issue of the completion certificate.’*

M’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi fuq l-ammont bilancjali li jrid jithallas mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici, u cioe` s-somma ta’ tmient elef, tlett mija u tlieta u erbghin Liri Maltin (Lm8,343). Lanqas ma hemm kontestazzjoni fuq l-ammont ta' tlett elef erba` mija u disgha u hamsin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm3,459.30) li jifforma 10% tal-ammont totali.

In-nuqqas ta’ qbil jidher illi huwa fuq id-data tal-*completion certificate*. Is-socjeta` attrici u x-xhieda prodotti minnha jsostnu illi d-data hija dik tat-12 ta’ April 2001, u cjoe` d-data pprintjata fuq ic-certifikat originali, filwaqt illi s-socjeta` konvenuta u x-xhieda prodotti minnha jishqu illi d-data hija dik imnizzla taht il-firma tal-inginier Alfred Scicluna, u cjoe` d-data meta l-inginier Scicluna baghat ic-certifikat lura fis-16 ta’ Novembru 2001.

Dina il-Qorti tifhem illi d-data tac-certifikat hija dik stampata fuq ic-certifikat, u cjoe` it-12 ta’ April 2001. Il-fatt li l-inginier Scicluna dam sas-16 ta’ Novembru 2001 biex jibaghtu lura m’ghandiex tippregudika lis-socjeta` attrici. Fil-fatt fil-*sub-contract agreement* a fol 19 tal-process, hemm pprovdut illi:

*‘As soon as the works have been completed in accordance with this Contract, except in minor respects, which do not affect their use for the purpose, for which they are intended, the Main Contractor or [enfasi ta’ din il-Qorti] his Engineer shall issue a Completion Certificate in which he shall certify that the works have been completed and have reached the required standards.’*

Il-kelma ‘*or’* hija cara. Huwa bizzejjed li c-certifikat jinhareg mill-*Main Contractor*. Ghalhekk, ir-*retention money* fl-ammont ta’ Lm3,459.30 huwa wkoll dovut.

Kwantu ghal dak li gie sottomess, li fil-mori tal-kawza, s-socjeta’ attrici accettat pagament ta’ Lm3,600 ghas-saldu tal-*claim* kollha taghha bhala rizultat ta’ negozjati li ghamlet mal- Welfare Committee, ma jirrizultax li ngabet prova konklussiva dwar dana, lanqas ma saret rinunzja

ghat talba odjerna mill-atturi, anzi s-socjeta’ attrici qed tikkontendi, fit-trattazzjoni, li l-allegat pagament kien ghal xogholijiet ohra li m’humiex konnessi mal-mertu ta’ dan il-kuntratt.

Ghaldaqstant kif inhuma l-provi din il-Qorti tikkonkludi illi l-ammont bilancjali kollu ta’ tmient elef, tlett mija u tlieta u erbghin Liri Maltin (Lm8,343) huwa dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici, bl-interessi ta’ 8% fuq l-ammont ta’ Lm4,883.70 (Lm8,343 nieqsin Lm3,459.30) mid-data tat-12 ta’ April 2001 sad-data tal-hlas effettiv, kif ukoll bl-interessi ta’ 8% fuq l-ammont ta’ Lm3,459.30 minn zmien sena mill-hrug tal-*completion certificate* u cioe` it-12 ta’ April 2002, sad-data tal-hlas effettiv.

Dwar it-talba ghal hlas tal-Value Added Tax, il-Qorti tirrileva illi skond DOK MS1 a fol 15 tal-process, il-Value Added Tax hija nkluza fil-prezz miftiehem bejn il-partijiet.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;
Tilqa’ t-tieni talba attrici, bl-imghax kif hawn fuq imsemmi, barra mill- *Value Added Tax*.
Spejjez ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------